MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 2/2000/1

**George Cassar u Concetta Cassar**

**vs**

**Nicola maghruf bhala Kelinu Schembri**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta ili huwa jikri lill-intimat l-ghalqa ta' Karunja limiti tas-Siggiewi bil-qbiela ta' Lm2.00,0 li jithallsu f'Santa Marija b'lura;

Illi l-intimat kien ipoggi l-qbiela l-Qorti u ilu madwar hamest snin ma jaghmel hekk;

Illi l-esponenti ghandhom bzonn l-ghalqa sabiex jahdmuha huma u uliedhom;

Talbu sabiex dan il-Bord jawtorizzhom (li) jirriprendu l-pussess tal-ghalqa indikata minghand l-intimat li lilu jigi

prefiss zmien qasir u perentorju biex jizgombra mill-istess wara li dan l-Onorabbli Bord jiffissa din is-somma dovuta ghal hlas ta' kull benefikat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi, kif jidher mill-istess atti, l-intimat, avolja notifikat skond il-ligi, bir-rikors promotur, ma ssottometta l-ebda risposta, anke verbali. Inoltre l-istess intimat qatt ma deher f'xi seduta li inzammet quddiem l-istess Tribunal, anke tramite terzi, (ara, pero', fol 11 ibid).

Ikkunsidra

Illi, da parti tar-rikorrenti, xehed l-istess George Cassar (fol 13 ibid), oltre li ikkonferma, taht gurament, il-kontenut tar-rikors promotur, specifika li xtaq jiehu lura l-ghalqa in kwistjoni "sabiex naghtiha lit-tifel tieghi sabiex jahdimha…" liema tifel jismu Paul Cassar.

Ikkunsidra

Illi l-Membri Teknici, tal-istess Bord, issottomettew ir-rapport taghhom (fol 11 ibid) u dawn ikkostataw illi matul l-ahhar tmien (8) snin ma sar ebda benefikat fir-raba "de quo" waqt li deher li, fis-sena ta' qabel, l-istess ghalqa kienet giet mizrugha bil-qamh u li, fiha, ma kienx hemm la bjar la tkabbir ta' sigar la xi kostruzzjoni ta' kwalunkwe xorta.

Ikkunsidra

Illi t-talba in esami hi basata fuq l-artikolu 4 (2) (a) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluza l-ewwel proviso. In rigward il-kwistjoni ta' hlas ta' kumpens, xieraq jinghad li dan jkun dovut, biss, lill-inkwilin f'kaz li jkun sar xi benefikat agrikolu maghmul mill-istess inkwilin jew minn membru tal-familja tieghu matul il-perjodu ta' tmien snin (ara l-artikolu 4 (4) tal-istess Kapitolu citat). Ghalhekk

f'dan il-kaz, stante li ma kien sar ebda benefikat, ma hemm dovut ebda kumpens lill-kerrej.

Ikkunsidra

Illi, ghalhekk, it-talbiet in esami ghandhom jigu akkolti, minghajr ebda kumpens xieraq dovut mir-rikorrenti lill-intimat.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet in esami u:

1. jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-ghalqa denominata "Ta' Karunja" fil-limiti tas-Siggiewi;

2. jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess ghalqa sal-15 ta' Awissu 2003 u dan minghajr ebda kumpens dovut mill-istess rikorrenti lill-intimat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------